MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2014

Citazzjoni Numru. 1077/2010

**L-Avukat Dottor Joseph Camilleri**

**bhala mandatarju specjali tal-Kumpanija estera**

**Eurobrooks B.V. tal-Olanda**

**(registrata Rotterdam bin-numru 24241963)**

**u skont digriet datat l-14 ta' Dicembru, 2011, kwalunkwe**

**referenza ghall-Eurobrooks B.V. ghandha tigi**

**sostitwita b'Garcia B.V.**

**vs**

**O.S.A. Limited**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-23 t'Ottubru, 2010, li permezz tieghu, ir-rikorrenti *nomine* sintetikament espona is-segwenti:

1.1 Illi s-socjetà rikorrenti tipproduci u tbiegh il-hwejjeg;

1.2 Illi s-socjetà intimata topera hwienet tal-hwejjeg lokalment;

1.3 Illi fil-perjodu bejn Awissu 2008 u Mejju 2009 is-socjetà rikorrenti bieghet u kkonsenjat lis-socjetà intimata hwejjeg fuq ordnijiet taghha stess;

1.4 Illi s-socjeta` intimata hi ghalhekk debitrici tas-socjetà rikorrenti fl-ammont komplessiv ta' sebgha u ghoxrin elf hames mija u tlieta u erbghin Ewro u tlieta u erbghin centezmu, (€27,543.43), bilanc minn somma akbar, (ara foll 7 sa 33);

1.5 Illi peress li s-socjetà intimata kienet allegat xi nuqqasijiet fil-konsenji, il-pretensjonijiet taghha kienu indirizzati billi inharget *"credit note"* ghas-saldu fl-ammont ta' hamest elef Ewro, (€5,000.00);

1.6 Illi ghalhekk l-ammont dovut mis-socjetà intimata lil dik rikorrenti hu dak indikat fil-paragrafu ta' qabel tal-ahhar u ma jirrizultax ikkontestat;

1.7 Illi Philip Grech, ghas-socjetà intimata kemm –il darba wieghed li kien ser ihallas l-ammont dovut, anke permezz t'*e-mail* datata z-17 ta' Marzu, 2009, (ara foll 34);

1.8 Illi nonostante dan is-socjetà intimata baqghet inadempjenti;

1.9 Illi ghalhekk aderiet din il-qorti biex is-socjetà intimata jkollha l-opportunità tghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.9.1. Tiddikjara lis-socjetà intimata debitrici tas-socjetà rikorrenti fl-ammont ta' sebgha u ghoxrin elf hames mija u tlieta u erbghin Ewro u tlieta u erbghin centezmu, (€27,543.43);

1.9.2. Tordna lis-socjetà intimata thallas l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti lis-socjetà rikorrenti;

1.9.3. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra s-socjetà intimata;

2.0. Rat ir-risposta guramentata tas-socjetà intimata datata l-14 ta' Frar, 2011, li permezz taghha sintetikament wiegbet bil-mod segwenti:

2.1. Illi l-ammont mitlub mis-socjetà rikorrenti mhux dovut lilha mis-socjetà intimata;

2.2. Illi t-talbiet tas-socjetà rikorrenti huma infondati;

2.3. Illi l-ordnijiet tas-socjetà intimata ma gewx konsenjati fit-terminu kif ordnati;

2.4. Illi l-merca kkonsenjata kienet tammonta ghal ftit anqas minn hamsin fil-mija, (50%), ta' dik ordnata;

2.5. Illi *di più* l-istess merkanzija wasslet fi zmien zbaljat;

2.6. Illi ghalhekk il-merkanzija mibghuta mis-socjetà rikorrenti lil dik intimata kienet inutili u ma tiswa ghalxejn;

2.7. Illi l-affarijiet li intbghatu ma kienux koordinati u ghalhekk ma setghux jinbieghu;

2.8. Illi minflok il-kollezzjoni shiha li ordnat, is-socjetà intimata irceviet bicciet separati;

2.9. Illi dan effettwa negattivament l-operat tas-socjetà intimata;

2.10. Illi il-prezz originarjament stabbilit ma baqax jirrifletti s-sitwazzjoni reali li zviluppat;

2.11. Illi l-konsenji mibghuta lis-socjetà intimata mis-socjetà rikorrenti ma kienux jirriflettu il-"*branded collection"* originarjament ordnata;

2.12. Illi l-konsenji ordnati kienu jasslu Malta tardivament u spezzettati bicca bicca;

2.13. Illi dan effettwa l-ispazju utilizzat ghaz-zamma tal-merkanzija fil-hwienet tas-socjetà intimata billi konsegwenza tal-istess inzamm vojt u rrizulta f'telf t'eluf t'Ewro;

2.14. Illi s-socjeta` rikorrenti ma tat l-ebda pre-avviz lis-socjetà intimata li kienet ser tkun tardiva fil-konsenja taghha;

2.15. Illi peress li l-merkanzija *de quo* hi effettwata bl-istagonalità, allura din it-tardività tal-konsenja effettwat in-negozju taghha bi kbir;

2.16. Illi in oltre, il-merkanzija mibghuta kienet ta' kwalità inferjuri ghal dik pattwita;

2.17. Illi l-*credit note"* ta' hamest elef Ewro, (€5,000.00), kienet accettata mis-socjetà intimata bil-kundizzjoni li s-socjetà rikorrenti tibqa' tissupplixxi lis-socjetà intimata il-merkanzija già minnha ordnata;

2.18. Illi però s-socjetà rikorrenti waqfet tissupplixxi lis-socjetà intimata bil-merkanzija già ordnata u konsegwentement l-istess socjetà rikorrenti naqset milli tonora il-ftehim li kien milhuq fir-rigward;

2.19. Illi d-danni hekk ikkagunati lis-socjetà intimata kienu ferm akbar mill-ammont stabbilit fil-*"credit note"*;

2.20. Illi l-ordni tax-xitwa 2009, ghalkemm accettata is-socjetà rikorrenti, ma gietx minnha ikkonsenjata u ghalhekk ikkawzat danni ingenti lis-socjetà intimata;

2.21. Illi peress li ma kelliex zmien bizzejjed biex tissostitwixxi l-prodotti li ma ntbghatux bi prodotti ta' marka ohra, l-ixkafef fil-hwienet tas-socjetà intimata baqghu vojta;

2.22. Illi ghalhekk it-talbiet tas-socjetà rikorrenti ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;

3.0. Illi l-istess socjetà intimata qed tipprevalixxi ruhha minn din il-procedura u ghar-ragunijiet segwenti qed tipprezenta s-segwenti kontro-talba:

3.1. Illi ordnat stokk ta' hwejjeg mis-socjetà rikorrenti biex jigu kkonsenjati f'Malta;

3.2. Illi dawn l-ordnijiet, ghalkemm accettati, ma gewx ikkonsenjati mis-socjetà rikorrenti kif pattwit;

3.3. Illi l-kwantitajiet mibghuta ma kienux jaqblu ma dawk ordnati;

3.4. Illi l-merkanzija wasslet Malta bicca bicca u mhux fl-istagun rilevanti biex tkun tistà tinbiegh kif miftiehem;

3.5. Illi l-merkanzija kkonsenjata kienet ftit anqas minn hamsin fil-mija, (50%), ta' dik ordnata;

3.6. Illi minflok il-kollezzjoni ordnata gew ikkonsenjati lis-socjetà intimata partiti individwali;

3.7. Illi dan effettwa wkoll l-ispazju relattiv fil-hwienet tas-socjetà intimata;

3.8. Illi dan kollu kkawza dannu serju lis-socjetà intimata u ikkagunala telf ta' profitt;

3.9. Illi d-danni hekk lilha ikkagunat kien jammonta ghal ferm aktar mill-ammont stipulat fil-*"credit note"* fuq riferita;

3.10. Illi ghalkemm l-ordni maghmula fl-2009 giet accettata però ma gietx ikkonsenjata, u dan, b'dannu serju lis-socjetà intimata;

3.11. Illi peress li s-socjetà intimata ma kelliex zmien bizzejjed biex tirrimedja, l-ixkafef taghha baqghu vojta;

3.12. Illi *di più*, kagun tal-istess, is-socjetà intimata soffriet spejjez zejda bhal f'safar u f' *"marketing"* li rrizultaw inutili;

3.13. Illi ghaldaqstant titlob li din il-qorti, prevja okkorrendo n-nomina ta' periti nominandi:

3.13.1. Tiddikjara lis-socjetà intimata rikonvenzjonanti sofriet danni minhabba l-agir tas-socjetà rikorrenti rikonvenzjonata;

3.13.2. Tillikwida d-danni hekk minnha sofferti;

3.13.3. Tikkundanna lis-socjetà rikorrenti rikonvenzjonata biex thallas l-ammont hekk likwidat lis-socjetà intimata rikonvenzjonanti;

3.13.4. Tordna, jekk ikun il-kaz, it-tpacija ta' kwalsiasi ammont li jistà jigi dikjarat dovut lis-socjetà rikorrenti, u f'kaz li d-danni likwidati jkunu anqas, tordna lis-socjetà intimata biex thallas id-differenza jew *vice versa*, skont il-kaz;

3.13.5. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti skont il-ligi kontra s-socjetà rikorrenti;

4.0. Rat ir-risposta guramentata tas-socjetà rikorrenti rikonvenzjonanti datata l-20 ta’ Gunju, 2011, li permezz taghha wiegbet sintetikament bil-mod segwenti:

4.1. Illi l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjetà intimata ghandhom jigu respinti stante li s-socjetà rikorrenti mhix responsabbli ghal ebda att jew ammissjoni li taw lok ghad-danni sofferti mis-socjetà intimata;

4.2. Illi tichad li bieghet jew ikkonsenjat xi hwejjeg li ma kinux tal-kwalità pattwita;

4.3. Illi l-allegazzjonijiet tas-socjetà intimata ghandhom jigu ppruvati;

4.4. Illi wara l-perjodu li l-fatturi prodotti jirreferu ghalih is-socjetà intimata kienet effettwat xi ordnijiet mas-socjetà rikorrenti, liema ordnijiet ma gewx accettati peress li s-socjetà intimata ma hallsitx il-bilanci minnha dovuti;

4.5. Illi l-ilmenti sollevati mis-socjetà intimata già gew indirizzati meta is-socjetà rikorrenti harget *“credit note”* ta’ hamest elef Ewro, (€5,000.00), ghas-saldu ta’ kull pretenzjoni;

4.6. Illi ghalhekk kwalunkwe dannu riskontrat kien giè debitament saldat bl-imsemmija *“credit note”*;

4.7. Illi d-danni allegatament sofferti mis-socjetà intimata ghandhom jigu minnha ppruvati;

4.8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

5. Rat id-digriet taghha datat l-14 ta' Dicembru, 2011, li permezz tieghu, wara rikors appozitu, awtorizzat il-korrezzjoni mitluba *ai termini* tal-artiklu 175 (1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta (ara foll 86 u 93);

6. Rat id-digriet taghha datat il-15 t'April, 2014, li permezz tieghu wara talba appozita ta' l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalità hemm indikata, (ara foll 148);

7. Rat in-nota t'osservazzjonijiet tas-socjetà rikorrenti datata l-20 ta' Mejju, 2014, (ara foll 149), u n-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjetà intimata datata l-23 ta' Gunju, tal-istess sena, (ara foll 155);

8. Rat il-verbal ta' l-abbli rapprezentant legali tas-socjetà rikorrenti datat l-24 ta' Gunju, 2014, li permezz tieghu ddikjara li kien qed jistrieh fuq is-sottomissjonijiet skritti tieghu, (ara foll 160);

9. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti flimkien mad-dikjarazzjoni guramentata esposta *in atti*;

10. Semghet ix-xhieda kollha prodotta;

Ikkunsidrat:

11. Illi l-kontendenti kienu jinnegozjaw flimkien billi s-socjetà rikorrenti kienet tbiegh il-hwejjeg tal-marka taghha lis-socjetà intimata;

12.0. Illi tul ir-relazzjoni taghhom flimkien bdew jigu riskontrati diversi nuqqasijiet fis-sens li:

12.1. Is-socjetà rikorrenti kienet allegatament tibghat merkanzija skadenti u mhux fl-istagun adattat;

12.2. Is-socjetà intimata waqqfet il-pagamenti minnha dovuti lis-socjetà rikorrenti;

12.3. Illi f'tentattiv sporadiku ta' transazzjoni s-socjetà rikorrenti irrilaxxat *"credit note"* ta' hamest elef Ewro, (€5,000.00), ghas-saldu ta' kull pretensjoni da parti tas-socjetà intimata;

Ikkunsidrat:

13. Illi ghandu jkun pacifiku li minn jallega jrid jipprova, di fatti: *"Onus probandi incumbit ei qui dicit"*,

14. Illi ghalhekk il-varji allegazzjonijiet vantati mir-rapprezentanti tas-socjetà intimata, zvuotati mill-prova indipendenti u dependenti biss fuq allegazzjonijiet *ex parte* ma jwasslu mkien meta rinfaccati mid-

dokumentazzjoni kopjuza ipprezentata mis-socjetà rikorrenti in sostenn tal-posizzjoni taghha;

15. Illi f'dan ir-rigward ghalhekk tapplika il-massima Latina *"Contra scriptum testimonium, non scriptum testimonium non fertur"*;

16. Illi f'dan is-sens, kif gie ritenut fil-kawza **Linicker vs Camilleri**, **Prim'Awla, datata il-31 ta' Mejju, 1972**, sollevata mill-istess socjetà rikorrenti, jigi rilevat li:

> "F'kawza civili l-attur li jallega li gratlu hsara b'tort tal-konvenut, irid jipprova huwa a sodisfazzjon tal-Qorti lill-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jgibx din il-prova l-azzjoni tieghu ma jistax ikollha ezitu favorevoli (anke jekk il-konvenut ma jipprovax – ghaliex legalment mhux obbligat li jipprova – li l-incident ikun gara b'tort ta' l-attur); dan mhux ghaliex it-tort ghall-incident jkun tal-attur, imma semplicement ma jkunx irnexxielu jipprova dak li allega bhala bazi tal-azzjoni";

17. Illi f'dan is-sens jirrizulta li s-socjetà intimata telenka kwantità ta' ilmenti izda f'kull kaz, tonqos li tipprezenta prova indipendenti minn tali allegazzjoni fir-rigward;

18. Illi konsegwentement din il-qorti hi ghalhekk kostretta li tirrespingi tali invit li tezamina tali allegazzjonijiet stante li m'humiex sostanzjati skont il-ligi;

Ikkunsidrat:

19.0. Illi mix-xhieda tas-socjetà rikorrenti fuq il-mertu in dizamina jirrizulta sintetikament is-segwenti:

19.1. Illi s-socjetajiet kontendenti kienu ilhom jinnegozjaw flimkien izda kien biss fl-2008 li bdew jigu riskontrati xi problemi;

19.2. Illi wara li akkumulaw diversi problemi l-istess socjetajiet jidher li ttransigew kull vertenza li kellhom tant li anke inharget *"credit note"* ta' hamest elef Ewro, (€5,000.00), favur is-socjetà intimata ghas-saldu ta' kull vertenza li kellhom;

19.3. Illi fil-mument ta' tali akkordju is-socjetà intimata kien ghad fadlilha thallas lis-socjetà rikorrenti l-ammont ta' sebgha u ghoxrin elf hames mija u tlieta u erbghin Ewro, u tlieta u erbghin centezmu, (€27,543.43), bilanc minn somma akbar kif assodat mill-fatturi riprodotti in atti, (ara foll 7 sa 32);

19.4. Illi ghalkemm is-socjetà intimata kienet interpellata diversi drabi biex tissalda l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti, baqghet inadempjenti;

19.5. Illi *di più*, jirrizulta wkoll li permezz ta' *e-mail* datata iz-17 ta' Marzu, 2009, (ara foll 34), Philip Grech li kkwalifika lilu nnifsu bhala "direttur u *managing director* tas-socjetà intimata" fix-xhieda tieghu a foll 114, kien irrikonoxxa li s-socjetà li

qieghed jirraprezenta kellha taghti l-imsemmi ammont lis-socjetà rikorrenti u li kien qieghed jaffettwa “pjan ta’ pagament” anke billi jipprezenta *“an irrevocable letter of credit”* li kien ser jiftah ma bank lokali ghal dan il-ghan;

19.6. Illi nonostante dawn l-assikurazzjonijiet, is-socjetà intimata m’ghamlet xejn minn dan u l-ammont fuq indikat ghadu minnha dovut lis-socjetà rikorrenti;

19.7. Illi *di più*, skont il-persuna responsabbli mill-finanzi tas-socjetà intimata, li incidentalment, jigi hu d-diretturi tal-istess, jikkonferma fix-xhieda guramentata tieghu li is-socjetà intimata ghandha taghti l-ammont ta’ hamsa u ghoxrin elf, sebgha mija u disgha u tletin Ewro, (€25,739.00), (ara foll 118);

**DECIDE:**

20.0 Illi in vista tal-premess din il-qorti tqis li is-socjetà rikorrenti rikonvenzjonata ippruvat il-kaz taghha kif espost kemm fir-rikors guramentat promotur u fir-risposta taghha rikonvenzjonata u konsegwentement, filwaqt li tirrespingi ir-risposta guramentata tas-socjetà intimata u tat-talbiet rikonvenzjonanti taghha, takkolji t-talbiet tas-socjetà rikorrenti kontenuti fir-rikors guramentat promotur u fir-risposta taghha rikonvenzjonata u konsegwentement:

20.1. Tiddikjara lis-socjetà intimata debitrici tas-socjetà rikorrenti fl-ammont ta’ sebgha u ghoxrin elf

hames mija u tlieta u erbghin Ewro, u tlieta u erbghin centezmu, (€27,543.43);

20.2. Tikkundanna lis-socjetà intimata thallas l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti lis-socjetà rikorrenti;

20.3. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur fuq indikat kontra s-socjetà intimata

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------